Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►**B** **DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/167**

tal-5 ta' Frar 2020

dwar l-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(ĠU L 34, 6.2.2020, p. 46)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/553 tal-21 ta' April 2020	L 127	22	22.4.2020

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/167

tal-5 ta' Frar 2020

dwar l-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Artikolu 1

Ir-referenzi għall-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE u elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ir-referenzi għall-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE u elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni.

Artikolu 2

Ir-referenzi għall-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE u elenkati fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni b'dan jitneħħew minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sa mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

ANNESS I

Nru	Referenza għall-istandard
1.	EN 300 328 V2.2.2 Sistemi ta' trażmissjoni fuq baned wesgħin; Tagħmir għat-trażmissjoni ta' *data* li jopera fil-banda ta' 2,4 GHz; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju
2.	EN 300 674-2-2 V2.2.1 Telematika tat-Trasport u Traffiku (TTT); Tagħmir għal Trażmissjoni ta' Komunikazzjoni Dedikata fuq Medda Qasira (DSRC) (500kbit/s/250 kbit/s) li jopera fil-banda ta' frekwenza 5 795 MHz sa 5 815 MHz; Parti 2: Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Subparti 2: Unitajiet abbord (OBU)
3.	EN 303 098 V2.2.1 Apparati marittimi b'enerġija baxxa għal-lokalizzazzjoni tal-persuni permezz tal-AIS; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju
▼M1 4.	EN 301 908-1 V13.1.1 Netwerks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 1: Introduzzjoni u rekwiżiti komuni
5.	EN 301 908-3 V13.1.1 Netwerks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 3: Stazzjonijiet Bażi (BS) (UTRA FDD) b'Firxa Diretta CDMA
6.	EN 301 908-14 V13.1.1 Netwerks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 14: Stazzjonijiet Bażi (BS) ta' Aċċess bir-Radju Terrestri Universali Evolut (E-STRA)
7.	EN 301 908-18 V13.1.1 Netwerks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 18: Stazzjon Bażi (BS) tar-Radju Multi Standard (MSR) E-UTRA, UTRA u GSM/EDGE

▼B

ANNESS II

Nru	Referenza għall-istandard
1.	EN 300 698 V2.3.1 Trażmettituri u riċevituri tar-radjotelefonija għas-servizz mobbli marittimu li joperaw fil-baned VHF użati fl-ilmijiet interni; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju u għall-karatteristiċi għas-servizzi ta' emerġenza *Avviż*: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE jekk, fil-klawżola 8.2.3 ta' dan l-istandard armonizzat, tiġi applikata s-sentenza "*Bl-iswiċċ tal-potenza tal-output iffissat għall-massimu, il-potenza tat-trasportatur għandha tkun fi ħdan ±1,5 dB tal-potenza nominali tal-output taħt kundizzjonijiet normali tat-test*".
2.	EN 302 065-3 V2.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) li jużaw teknoloġija Ultra Wide Band (UWB); Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 3: Rekwiżiti għal apparati UWB għal applikazzjonijiet għal vetturi bbażati fuq l-art *Avviż*: Dan l-istandard armonizzat ma jistabbilixxix speċifikazzjonijiet tekniċi għal "tekniki ta' skattar qabel it-trażmissjoni". Madankollu, mis-16 ta' Novembru 2019, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/785 timponi rekwiżiti tekniċi li għandhom jintużaw fil-baned 3,8–4,2 GHz u 6-8,5 GHz għas-sistemi ta' aċċess għall-vetturi li jużaw skattar qabel it-trażmissjoni. Għalhekk, il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tiżgurax il-konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/785 u għaldaqstant ma tagħtix preżunzjoni ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE li jirrigwardaw "tekniki ta' skattar qabel it-trażmissjoni".
3.	EN 303 520 V1.2.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD); Apparati bla fili ta' kapsuli mediċi ta' endoskopija b'Enerġija Ultra-Baxxa (ULP) li joperaw fil-banda ta' frekwenzi 430 MHz sa 440 MHz; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju *Avviż*: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE jekk tiġi applikata xi waħda minn dawn li ġejjin: — fir-rigward tal-klawżola B.1 tal-Anness B: "Il-manifattur u l-laboratorju tat-testijiet jistgħu jaqblu fuq implimentazzjoni xierqa alternattiva tas-simulatur tat-torso uman, li mbagħad għandha tiġi deskritta b'mod sħiħ fir-rapport tat-test"; — fir-rigward tal-klawżola C.1 tal-Anness C: "B'mod alternattiv, il-manifattur u l-laboratorju tat-testijiet jistgħu jaqblu li jużaw Kamra Semi-Anekoika, li l-konfigurazzjoni tagħha għandha mbagħad tiġi deskritta b'mod sħiħ fir-rapport tat-test". *Avviż*: It-temperatura msemmija fil-klawżola B.2 tal-Anness B għandha tirrifletti l-użu maħsub.

▼B

ANNESS III

Nru	Referenza għall-istandard	Data tal-irtirar
1.	EN 300 328 V2.1.1 Sistemi ta' trażmissjoni fuq baned wesgħin; Tagħmir għat-trażmissjoni ta' *data* li jopera fil-banda ta' 2,4 GHz ISM u li juża tekniki ta' modulazzjoni fuq baned wesgħin; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE.	is-6 ta' Awwissu 2021
2.	EN 300 698 V2.2.1 Trażmettituri u riċevituri tar-radjotelefonija għas-servizz mobbli marittimu li joperaw fil-baned tal-VHF użati fl-ilmijiet interni; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikoli 3.2 u 3.3(g) tad-Direttiva 2014/53/UE	is-6 ta' Awwissu 2021
3.	EN 300 674-2-2 V2.1.1 Telematika tat-Trasport u Traffiku (TTT); Tagħmir għal Trażmissjoni ta' Komunikazzjoni Dedikata fuq Medda Qasira (DSRC) (500kbit/s/250 kbit/s) li jopera fil-banda ta' frekwenza 5 795 MHz sa 5 815 MHz; Parti 2: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Subparti 2: Unitajiet abbord (OBU)	is-6 ta' Awwissu 2021
4.	EN 302 065-3 V2.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) li jużaw teknoloġija Ultra Wide Band (UWB); Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 3: Rekwiżiti għal apparati UWB għal applikazzjonijiet għal vetturi bbażati fuq l-art	is-6 ta' Frar 2020
5.	EN 302 752 V1.1.1 Kwistjonijiet marbuta mal-kompatibbiltà elettromanjetika u mal-firxa tal-frekwenzi tar-radju (ERM); Tagħmir attiv li jtejjeb il-kapaċità tal-mira ta' radar; EN armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva R&TTE	is-6 ta' Frar 2021
6.	EN 303 098 V2.1.1 Apparati marittimi b'enerġija baxxa għal-lokalizzazzjoni tal-persuni permezz tal-AIS; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE	is-6 ta' Frar 2021
7.	EN 303 520 V1.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD); Apparati bla fili ta' kapsuli mediċi ta' endoskopija b'Enerġija Ultra-Baxxa (ULP) li joperaw fil-banda ta' frekwenzi 430 MHz sa 440 MHz; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju	is-6 ta' Awwissu 2021
▼M1 8.	EN 301 908-1 V11.1.1 Netwerks ċellulari IMT; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 1: Introduzzjoni u rekwiżiti komuni	It-22 ta' Ottubru 2021
9.	EN 301 908-3 V11.1.3 Netwerks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 3: Stazzjonijiet Bażi (BS) (UTRA FDD) b'Firxa Diretta CDMA	It-22 ta' Ottubru 2021
10.	EN 301 908-14 V11.1.2 Netwerks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 14: Stazzjonijiet Bażi (BS) ta' Aċċess bir-Radju Terrestri Universali Evolut (E-STRA)	It-22 ta' Ottubru 2021

▼**M1**

Nru	Referenza għall-istandard	Data tal-irtirar
11.	EN 301 908-18 V11.1.2 Netwerks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 18: Stazzjon Bażi (BS) tar-Radju Multi Standard (MSR) E-UTRA, UTRA u GSM/EDGE	It-22 ta' Ottubru 2021